MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 219/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Marfel II Company Limited a bazi tal-polza t' assigurazzjoni tat-tip '*comprehensive*' u tal-ligi l-istess Marfell II Company Limited – C-597**

**vs**

**Joseph Borg u Gilbert Agius fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista Mosta, rispettivament tas-sezzjoni u b'digriet ta' nhar is-16 t' Ottubru, 2007 l-atti gew trasfuzi f'isem Stephen Farrugia u Mary Cachia fil-kwalita taghhom ta' President u Segretarju tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista, Mosta wara li dawn assumew l-atti minflok Joseph Borg u Gilbert Agius.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' disa' mija sebgha u dighin ewro u sitta u erbghin centezmi (€997.46) gja LM428.21 rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attrici 'Marfel II Company Limited' assigurata tas-socjeta' attrici 'Fogg Insurance Agencies Limited' nomine u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' €939.23, is-socjeta' attrici 'Fogg Insurance Agencies Limited' u kwantu ghall-ammont ta' €58.23 l-istess Marfel II Company Limited in linea ta' 'excess payment' liema ammonti gew sborsati bhala hlasijiet ghad-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-ingress ta' l-ilma li sehh fil-15 ta' Settembru, 2003 ghal gewwa l-fond 11, Constitution Street, Mosta, proprjeta' tas-Socjeta attrici 'Marfel II Company Limited' mill-properjeta' sovrastanti fil-pussess u taht id-direzzjoni tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2004 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti kif jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepixxew illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-Artiklu 2153 tal.Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenuti, izda sehh unikament minhabba maltempata straordinarja u imprevidibbli illi hakmet il-gzejjer ta'Malta bejn il-14 u l-15 ta' settembru, 2003 u li kkawzat herba u hsarat ma kullimkien hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi subordinatament ghas-sueccepiet, jekk l-atturi qieghdin jaghmlu t-talba taghhom '*res ipsa loquitur*' huma xorta ghandhom id-dmir illi jipprovaw illi kien unikament l-agir negligenti tal-konvenuti li wasslet sabiex sehhet l-hsara allegata minnhom.

Illi l-konvenuti bl-ebda mod ma naqqsu mid-doveri taghhhom illi jmexxu u jharsu l-proprjeta' in kwistjoni bil-grad ta' diligenza rikjesta mill-ligi u cioe' dik tal-'*bonus pater familias*.'

Illi l-kwantum reklamat mill-atturi huwa kkontest.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Ra  d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema x-xhieda ta' Paul Pace, Saviour Porter, Gilbert Agius, Albert Cardona, Maria Gauci , Charles Zammit, Mariello Spiteri.

Ra illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006 l-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA**

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-15 ta' Settembru, 2003 kienet ghamlet xita qawwija |li hakmet il-gzejjer ta' Malta f'hin qasir. Illi s-socjeta' attrici 'Marfel II Limited' kienet sofriet hsarat wara ingress t' ilma mill-fond sovrastanti appartenenti lill-konvenuti. Illi s-socjeta' 'Marfel II Limited' kienet assigurata mas-socjeta' attrici 'Fogg Insurance Agencies Limited' u din is-socjeta' giet issurrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha 'Marfel II Limited'.
Illi rapprezentant tas-socjeta' attrici 'Fogg Insurance Agencies Limited' qal illi fil-15 ta'Settembru, 2003 huwa kien mar fuq il-post tal-klijenti tieghu u cioe' l-atturi 'Marfel II Limited' u spezzjona l-hsarat reklamati mill-klijenti fi-hanut 'Marfel Jewellers'. Huwa qal illi ma kienx mar fil-fond tal-konvenuti peress illi kien hemm xi xoghlijiet ghaddejjin, izda haddiema dik il-gurnata ma kienx ra u ma kellux access sabiex jidhol fil-fond. Stqarr illi ghamel diversi tentattivi sabiex jinforma lill-konvenuti kemm billi zar il-fond izda ma kellhux access u kemm permezz tat-telefon minghajr ebda rizultat posittiv. Illi wara li ttiehed in konsiderazzjoni illi l-ingress sar minhabba xorok miftuhin

fuq il-fond sovrastanti u li l-gallaraija tal-fond sovrastanti ma kienetx f'postha ikkonkluda illi l-hsarat gew ikkawzati minn naha tal-konvenuti.

Illi l-konvenut Gilbert Agius xehed illi l-konvenuti qatt ma kienu gew mgharrfa mis-socjeta' 'Marfel II Limited' illi dawn kienu sofrew xi danni wara ngress ta' ilmijiet allegatament minn naha taghhom. Illi huwa bhala s-Segratarju tal-PN Mosta Club ta' dak iz-zmien kien xehed illi kienu saru xi xoghlijiet fil-'Club', izda sal-gurnata tal-incident x-xoghlijiet li kienu sehhu kienu biss li nqalghet il-gallarija u l-faccata kienet miksija bl-'*scaffolding'* u konformi mall-kundizzjonijiet kollha mposti mill-MEPA u d-dipartiment tas-Sahha u s-Sigurta'. Qal ukoll illi x-xoghlijiet tal-gebel kienu ghadhom ma bdewx u li kienet biss nqalghet il-gallarija minn postha. Qal ukol illi huwa qatt ma kien infurmat b'xejn miz-zewg atturi u qatt ma rcieva xi ittra dwar xi ilmenti ta' ngress ta' ilmijiet mill-ebda wiehed mill-atturi u li l-ewwel darba li sema' dwar il-kaz kien meta rcieva l-avviz.

Illi mill-provi jirrizulta illi x-hud l-izjed attendibbli minn naha tal-konvenuti kien Gilbert Agius s-Segretarju tal-Kazin fiz-zmien tal-allegat ingress ta' ilmijiet. Illi minn dokument ezebit mill-konvenuti jidher illi s-socjeta' responsabbli ghax-xoghlijiet ta' struttura fil-fond tal-'Club' kienet bdiet ix-xoghlijiet f'April tas-sena 2003 u temmet ix-xoghlijiet f'Awissu, 2003. Illi mix-xhieda tal-Perit responsabbli minn naha tal-konvenuti, qal illi x-xoghlijiet fuq il-PN 'Club' Mosta kien gie kompletat sena qabel l-akkadut. It-Tribunal jirrilleva illi z-zewg xhieda tal-konvenuti taw dati ta' kompletazzjoni ta' xoghlijiet konfliggenti. It-Tribunal ghalhekk ha jistrieh fuq ix-xhieda ewlenija tal-konvenut Gilbert Agius.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' rapprezentant tal-Ufficju Meterjologiku li xehed illi dik il-gurnata ta' l-ingress ta' ilma kienet nizzlet xita qawwija f'zmien qasir. Illi t-Tribunal ghalkemm jemmen illi dik il-gurata kienet nizlet xita qawwija f'qasir zmien ma jfissirx illi r-rizultat ta' dawk l-ilmijiet kellu jkun ingress t' ilmijiet fil-fond ta' terzi bhal fil-kaz tal-lum. L-ingress ta' ilmijiet minn fond sovrastanti isir

meta fond ma jkunx maghluq sewwa u protett kontra l-elementi. Illi l-atturi kkonkludew illi ladarba dahal ilma fil-fond tal- atturi Marfel II Limited, dan kien dahal minn fuqhom. Illi mill-provi jirrizulta illi huwa minnu illi l-gallarija ma kienetx f'postha ghalkemm intqal ukoll illi x-xoghlijiet kienu lesti sa dak iz-zmien, izda t-Tribunal ha jemmen lis-Segretarju tal-PN ‘Club’ Mosta ta’ dak iz-zmien li jiftakar illi kien hemm biss il-gallarija taghhom li kienet maqlugha. Illi ghalkemm inghad illi kienet inqalghet b*’crane*’ u li l-gebel ma kienx intmiss irrizulta ingress t’ilma lill-propjeta’ ta’ ‘Marfel II Limited’.

Illi mill-provi rrizulta illi l-konvenuti ma kienux a konoxxenza tal-ingress ta’ ilma allegatament subit mill-fond appartenenti lill- ‘Marfel II Limited’ fil-hanut ‘Marfel Jewellers’. Illi jirrizulta mill-provi illi l-ewwel darba illi l-konvenuti gew mgharrfa bl-akkadut kien permezz ta’ l-ittra ufficcjali mibghuta lilhom sena u tlett xhur wara l-incident.

It-Tribunal ihoss illi l-konvenuti kellhom jigu nfurmati mill-atturi b’dak li kien qieghed jigri. Illi ma tirrizulta ebda kommunikazzjoni bil-miktub li tinforma lill-konvenuti kemm bil-hsarat li sehhew fil-fond ta’ taht u l-anqas li kien hemm xi lment minn naha ta’ ‘Marfel II Limited’. Illi ghalkemm il-konvenuti gew notifikati bl-ittra ufficjali sena u tlett xhur wara l-akkadut intqal illi ma kienu jafu xejn dwar dan l-incident qabel ma bdiet il-kawza.

It-Tribunal jirrilleva illi jista’ jkun minnu illi l-konvenuti ma kienu jafu xejn dwar l-ilment ta’ ingress t’ ilma fil-fond ta’ tahthom izda huwa minnu illi gew notifikati dwar l-akkadut permezz ta’ ittra ufficjali sena u nofs wara.

It-Tribunal jemmen illi kien hemm ingress ta’ ilma fil-fond ta’ l-assigurati ‘Marfel II Limited’, atturi fil-kawza tal-lum flimkien mas-socjeta’ assikuratrici ‘Fogg Agencies Insurance Limited’ u t-Tribunal jemmen ukoll illi l-hsara maghmula dik il-gurnata setghet saret tort tal-konvenuti, izda, t-Tribunal xorta wahda ihoss illi l-atturi kellhom jinfurmaw lill-konvenuti bl-akkadut sabiex il-konvenuti jagnmlu l-ispezzjonijiet u evalwazzjonijiet minn naha taghhom. Illli mill-provi rrizulta b’mod car illi hadd mis-

socjeta 'Marfel II Limitied' ma kien avvicina lill-konvenuti dwar l-akkadut kif wkoll jirrizulta illi l-anqas s-socjeta' assikuratrici ma kienet infurmat lill-konvenuti bil-miktub b'dak li kien qieghed jigi deciz mis-Socjeta' assikurattrici bir-rizultat illi l-konvenuti gew rinfaccati b'kont ta' hsarat sena u tlett xhur wara l-akkadut permezz t' ittra ufficcjali.

Illi fil-fehma tat-Tribunal dan huwa nuqqas ta' komunikazzjoni da parti tal-atturi li ma kellux ikun. Illi huwa minnu illi kien hemm ingress ta' ilma, izda l-konvenuti ma nghatawx opportunita' jaghmlu l-evalwazzjoni tal-allegati hsarat li kienu sehhew jew sabiex jaraw jekk id-danni kollha reklamati minn 'Marfel II Limited' kienux minnhom.  It-Tribunal ma jidhirlux illi sena u tlett xhur wara l-konvenuti setghu jkunu f'pozizzjoni li jispezzjonaw il-hsarat kollha allegatament subiti minn 'Marfel II Limited' u allegatament kawzati minn naha taghhom. Illi kieku l-konvenuti gew  infurmati bl-akkadut fl-istess perjodu tal-akkadut huma setghu jiehdu azzjoni immedjata haga illi ma baqghetx aktar possibli ghall-konvenuti wara li kien ghadda dak iz-zmien kollu u l-hlas mis-Socjeta' assikurattrici kien sar.

It-Tribunal ihoss illi ghalkemm huwa minnu illi kien hemm ingress ta'ilmijiet fil-fond tal-atturi mill-fond wara maltempata, jemmen wkoll illi l-iskuzanti tal-maltempata m'hijiex skuza valida peress illi kien hemm xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni ghaddejjin fil-fond tal-konvenuti. Izda t-Tribunal huwa moralment konvint illi l-atturi tellfu lill-konvenuti kwalunkwe opportunita li jiddefendu l-pozizzjoni taghhom u li jiehdu azzjoni immedjata fiz-zmien ta' l-akkadut meta l-atturi qatt ma nfurmaw lill-konvenuti bil-hsarat li gew attribwiti lill-konvenuti mill-istess atturi.

It-Tribunal ihoss illi b'sens ta' gustizzja u ekwita l-konvenuti m'ghandhomx ibatu ghall-ispejjez kollha mitluba mill-atturi peress illi huma qatt ma kienu nghataw l-opportunita' sabiex jispezzjoni u jevalwaw il-hsarat fil-fond ta' tahthom. Ghalhekk it-Tribunal ha jiddecciedi billi jilqa' 'in parte' t-talba attrici billi japporzjona l-hsarat f'partijiet ugwali bejn iz-zewg partijiet u li l-'*excess payment'* m'ghandhomx ibatuh il-konvenuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici 'in parte' u jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici limitatament fis- fis-somma ta' erba' mija disgha u sittin ewro u wiehed u sittin centezmu (€469.61) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------